# Il-Ħadd 30.09.2018

1. It-Tnejn 1/10:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa tal-Bidu tas-Sena Kateketika (tad-Duttrina), li għaliha huma mitluba jiġu kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal. Matul din il-quddiesa nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu. Infakkar lill-ġenituri biex magħhom iġibu l-formola mimlija biex ikunu jistgħu jirreġistraw lil uliedhom. Kemm bħala Parroċċa u kemm bħala Ċentri ta' Tagħlim, ma nistgħux naċċettaw u nidħlu responsabbli għal tfal mhux irreġistrati.

2. Il-Ġimgħa 5/10: - ***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fid-9:30am - Quddiesa fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Anzjani,
     fis-Santwarju Bażilika tal-Assunta, il-Mosta,
     bit-tema *'Ix-Xjuħija - Żmien ta' Grazzja'* magħżula mill-Papa Franġisku.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

3. Is-Sibt 6/10:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

4. Il-Ħadd 7/10, niċċelebraw il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju:
   - ***Il-Quddiesa ta' filgħaxija tibda tkun fil-5:30pm, u mhux fis-6:00pm.***
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka minn Dun Ronnie Zammit,
     Viċi Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof; u
   - Fis-6:30pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju,
     u li tintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

   Il-purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl,
   Triq u Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija,
   Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola,
   Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja.

   *Infakkru biex ma tħallux karozzi ipparkjati f'dawn it-toroq imsemmija.*
   *F'każ ta' xita l-funzjoni issir fil-knisja stess.*

   N.B. Infakkru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru jingħad ir-Rużarju fil-knisja:
   Filgħodu -- qabel il-quddiesa tas-7:30am;
   Filgħaxija -- fis-6:00pm.

5. Avviżi oħra:-
   - Matul il-jiem li ġejjin ser jitqassam il-*'Flimkien'* tax-xahar ta' Ottubru,
     flimkien mal-envelops għad-donazzjonijiet tagħkom b'risq il-Missjoni.
     Filwaqt li nitlob lil dawk li jqassmu biex jiġbru kollox mis-Sagristija mill-aktar fis,
     nafda f'idejn il-ġenerożità tagħkom.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - It-Tnejn 1/10 - Ser isir filming ta' *Malta u Lil Hinn Minnha* li ser jiddedika 2 programmi għal Ħal Safi. Fit-3:00pm ser jibda l-filming fil-pjazza tar-raħal quddiem il-Kappella ta' Santa Marija u fil-5.30pm ikompli fil-Ġnien *Sir Alexander Ball*. Hija x-xewqa tal-producers li preżenti waqt il-filming ikun hemm residenti mill-lokal tagħna. Min huwa interessat javviċina xi membru tal-Kunsill Lokali.